MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Numru. 12/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**KEVIN ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Kevin Zammit ta' 38 sena, bin Philip-James u Carmen nee' Ciantar, imwieled Attard nhar l-4 ta' Lulju, residenti fil-fond numru 11, The Arches, Triq Hal-Sajd, Haz-Zebbug detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 305169(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

1. Talli bejn fl-24 ta' Ottubru 2006, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu tlett elef u hamsin lira Maltin (Lm3050) ghad-dannu ta' Joseph Camilleri minn San Giljan;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awteniku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti. Illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u aktar talli fl-istess data, lok u crikostanzi, xjentament ghamel uzu min att, kitba jew skrittura falza msemmija fil-paragrafu ta' qabel;

3. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, f'novembru 2005 jew f'xi perjodu wara, approprja ruhu, bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu elf u mitt lira Maltin (LM1100) ghad-dannu ta' Leslie borg minn Santa Venera u n-Nutara Dr Josianne Mifsud LL.D.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-ammmissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Rat l-imputat, qabel ma bdew dawn il-proceduri, lahaq hallas lil Joseph Camilleri ghas-sald tal- petensjonijiet tieghu.

Wara li rat l-Artikoli:
Art.293,294,310(1)(a), Art.183, Art.184 Kapitolu 9.

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda issib lil imsemmi imputat Kevin (Kevin-John) Zammit hati ta' l-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin, ai termini ta' l-Artikolu 22 Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Barra minn hekk din il-Qorti qed tordna l-istess imputat ihallas is-somma ta' elf u mitt lira Maltin (LM1100.00) ekwivalenti ghal elfejn hames mija u tnejn u sittin Ewro (EURO2,562.00) fi zmien xahrejn (2) bhala danni sofferti mill-parte civile indikati fl-akkuza ai termini ta' l-Artikolu 24 Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------